



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

EUCO 8/17

CO EUR 8
CONCL 3

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (22 u 23 ta' Ġunju 2017) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Illum il-Kunsill Ewropew iffoka fuq it-tisħiħ tal-Ewropa u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha permezz ta' miżuri effettivi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex ikunu żviluppati s-sigurtà u d-difiża komuni tagħha, biex ikun żgurat l-iżvilupp ekonomiku tagħha f'dinja globalizzata, biex tiġi trattata l-migrazzjoni u biex ikunu protetti l-fruntieri esterni tagħha. Unjoni b'saħħitha u determinata hija l-aqwa mod kif jiġu promossi l-valuri u l-interessi tagħna, tkun appoġġata sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli u jiġu mmobilizzati sħab favur politika pożittiva dwar il-klima. Tgħin ukoll issawwar globalizzazzjoni sabiex jinkisbu l-benefiċċji ta' swieq miftuħa, filwaqt li tipproteġi kontra prattiki inġusti u tippromwovi l-istandards soċjali, ambjentali, tas-saħħa u dawk tal-konsumatur li huma ċentrali għall-mod ta' għajxien Ewropew. Il-Kunsill Ewropew ta gieh lil Helmut Kohl, Ċittadin Onorarju tal-Ewropa, li miet fis-16 ta' Ġunju 2017.

I. SIGURTÀ U DIFIŻA

Sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi reċenti u jinsab magħqud u determinat fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-mibegħda u l-estremiżmu vjolenti. Dawn l-atti saħħew id-determinazzjoni tagħna biex nikkooperaw fil-livell tal-UE sabiex insaħħu s-sigurtà interna tagħna: aħna ser niġġieldu kontra t-tixrid tar-radikalizzazzjoni online, nikkoordinaw il-ħidma tagħna fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u l-indirizzar tal-ideoloġija, infixxlu l-finanzjament tat-terroriżmu, niffaċilitaw skambji rapidi u mmirati ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż mas-sħab ta' fiduċja, u ntejbu l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet ta' data.

2. L-industrija għandha r-responsabbiltà tagħha stess biex tgħin fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità online. Abbażi tal-ħidma tal-Forum tal-UE dwar l-Internet, il-Kunsill Ewropew jistenna li l-industrija tistabbilixxi Forum għall-Industrija u li tiżviluppa teknoloġija u għodod ġodda biex jittejbu d-detezzjoni awtomatika u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita l-atti terroristiċi. Dan għandu jiġi kkumplimentat bil-miżuri legiſlattivi rilevanti fil-livell tal-UE, jekk meħtieġ. Huwa jappella biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minn sistemi li jippermettu li t-terroristi jikkomunikaw b'modi li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jaċċessaw, inkluż il-kriptaġġ minn tarf sa tarf, filwaqt li jiġu ssalvagwardati l-benefiċċji li jirriżultaw minn dawn is-sistemi għall-protezzjoni tal-privatezza, tad-data u tal-komunikazzjoni. Il-Kunsill Ewropew iqis li l-aċċess effettiv għall-evidenza elettronika huwa essenzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu u li d-disponibbiltà tad-data għandha tkun żgurata, soġġett għal salvagwardji adatti.
3. Il-qbil dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, li mistenni jintlaħaq dalwaqt, u l-finalizzazzjoni qabel tmiem is-sena ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) ser iwittu t-triq għal implimentazzjoni rapida tagħhom, u b'hekk jissaħħu l-kontroll fil-fruntieri esterni u s-sigurtà interna filwaqt li jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri li għadhom ma japplikawx l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji kemm jista' jkun malajr abbozz ta' legiſlazzjoni li tippromulga l-proposti li saru mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà.
4. Jeħtieġ li naċċelleraw l-isforzi kollettivi tagħna biex nikkondividu l-għarfien dwar il-ġellieda terroristi barranin kif ukoll dwar l-individwi radikalizzati internament u mmexxu 'l quddiem miżuri legali u ta' politika biex it-theddida tiġi ġestita.
5. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jingħata appoġġ lill-vittmi ta' atti terroristiċi.

Sigurtà esterna u difiża

6. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu biex isaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE fir-rigward tas-sigurtà esterna u d-difiża sabiex jipproteġi l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha u jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà fil-viċinat tagħha u 'l hinn minnu. Flimkien mal-kapaċitajiet diplomatiċi u ċivili kollha tagħha, l-UE għib magħha taħlita unika ta' possibbiltajiet għall-benefiċċju ta' dan il-proġett. Kif rifless fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju u tad-19 ta' Ġunju 2017, sar progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża u d-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja mill-mexxejja tal-UE u n-NATO. Ir-relazzjoni trans-Atlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO jibqgħu kruċjali għas-sigurtà globali tagħna, biex b'hekk inkunu nistgħu nwieġbu għat-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, inkluż it-theddid ċibernetiku, dak ibridu u t-terroriżmu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment f'Helsinki ta' Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu. Il-konferenza ta' livell għoli dwar is-sigurtà u d-difiża li saret fi Praga fid-9 ta' Ġunju 2017 issottolinjat kemm il-kumplimentarjetà bejn l-UE u n-NATO kif ukoll il-ħtieġa li jsiru sforzi Ewropej akbar sabiex jissaħħu r-riċerka, il-kapaċitajiet u l-operazzjonijiet tagħna relatati mad-difiża.

7. L-iżvilupp konġunt ta' proġetti ta' kapacià maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri biex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti eżistenti u jiġu żviluppati t-teknoloġiji tal-ġejjieni, huwa kruċjali biex jiġi ssodisfat il-livell ta' ambizzjoni tal-UE approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2016. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Fond Ewropew għad-Difiża, magħmul minn tieqa għar-riċerka u tieqa għall-kapaċitajiet, u jistenna b'interess l-operazzjonalizzazzjoni rapida tiegħu. Huwa jappella għal ftehim rapidu dwar il-proposta għal Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-ħsieb tal-implimentazzjoni rapida tiegħu, qabel ma jkunu jistgħu jiġu previsti programmi aktar komprensivi fuq terminu medju. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jidentifikaw proġetti ta' kapacià adatti għall-Fond Ewropew għad-Difiża u għall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu l-ħidma fuq għażliet għall-akkwist konġunt ta' kapaċitajiet fi ħdan il-Fond Ewropew għad-Difiża bbażati fuq mekkaniżmi ta' finanzjament sodi. L-oġettiv huwa li jitwasslu l-kapaċitajiet, li tkun żgurata b'żi kompetittiva, innovattiva u b'bilanċjata għall-industrija tad-difiża tal-Ewropa fl-UE kollha, inkluż permezz tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-parteċipazzjoni tal-SMEs, u li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża, billi jkunu sfruttati sinerġiji u jkun mobilizzat l-appoġġ tal-UE flimkien mal-finanzjament tal-Istati Membri. L-iżvilupp fl-industrija tad-difiża Ewropea ser jeħtieġ ukoll l-appoġġ tal-UE għal investimenti minn SMEs u intermedjarji (mid-cap) fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-istedina tiegħu lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jeżamina l-passi bil-ħsieb li jingħata appoġġ għall-investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-difiża.

8. Biex isaħħaħ is-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa fl-ambjent ġeopolitiku mimli sfidi tal-lum u biex jgħin fil-kisba tal-livell ta' ambizzjoni tal-UE espress fl-Istrateġija Globali tal-UE, il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-ħtieġa għat-tnedija ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) li tkun inklużiva u ambizzjuża. Fi żmien tliet xhur, l-Istati Membri ser ifasslu lista komuni ta' kriterji u impenji vinkolanti, kompletament konformi mal-Artikoli 42(6) u 46 TUE u mal-Protokoll 10 għat-Trattat, inkluż bil-ħsieb li jitwettqu l-missjonijiet l-aktar impenjattivi, b'kalendarju preċiż u mekkaniżmi ta' valutazzjoni speċifiċi, sabiex l-Istati Membri li huma f'pożizzjoni li jagħmlu dan, ikunu jistgħu jinnotifikaw l-intenzjonijiet tagħhom li jipparteċipaw mingħajr dewmien. Din il-ħidma għandha tkun konsistenti mal-ippjanar u l-impenji fid-difiża nazzjonali tal-Istati Membri maqbula fi ħdan in-NATO u n-NU mill-Istati Membri kkonċernati. Jenħtieġ li jiġu wkoll identifikati proġetti u inizjattivi kollaborattivi konkreti b'appoġġ għall-miri, impenji u kriterji komuni tal-PESCO.
9. Bl-għan li jissaħħu l-istrumenti għar-reazzjoni rapida tal-UE, il-Kunsill Ewropew jaqbel li jenħtieġ li l-iskjerament tal-Gruppi Tattiċi tal-UE jitħallas bħala spiża komuni permezz tal-mekkaniżmu Athena li jiġi amministrat mill-UE, fuq bażi permanenti. Iħeġġeġ ukoll lill-Kunsill biex iħaffef il-ħidma tiegħu fuq rispons aħjar tal-immaniġġar ċivili ta' kriżijiet.
10. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

II. IL-FTEHIM TA' PARIĠI DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA

11. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma bil-qawwa l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi malajr u b'mod sħiħ, biex jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-finanzjament għall-klima, u biex ikomplu jmexxu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-Ftehim jibqa' pedament ta' sforzi globali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv it-tibdil fil-klima, u ma jistax jiġi nnegozjat mill-ġdid. Il-Ftehim huwa element ewlieni għall-modernizzazzjoni tal-industrija u l-ekonomija tal-Ewropa. Huwa wkoll kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli; l-adozzjoni reċenti tal-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp, filwaqt li taħdem għal aġenda usa', ser tikkontribwixxi wkoll għal dan l-oġettiv. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser issaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali fil-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari mal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, u b'hekk ser turi solidarjetà mal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni u responsabbiltà għall-pjaneta kollha. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jeżaminaw il-mezzi kollha biex jinkisbu dawn l-għanijiet. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-atturi mhux statali kollha, billi tibni fuq l-eżempju li rnexxa pprovdut mill-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali.

III. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

12. L-Ewropa teħtieġ impjiegi, tkabbir u kompetittività. Ir-ritorn tat-tkabbir ekonomiku fit-28 Stat Membru kollha huwa żvilupp pożittiv li jeħtieġ jiġi kkonsolidat. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif l-aħjar jintuża l-potenzjal tas-Suq Uniku u tal-kummerċ u l-industrija għal dan l-għan, filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-iżviluppi jkunu ta' benefiċċju għall-partijiet kollha tas-soċjetà.

Suq Uniku

13. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb bl-erba' libertajiet tiegħu biex jitrawwem it-tkabbir, jinħolqu impjiegi u jkunu promossi l-investimenti u l-innovazzjoni. Il-koleġislaturi għamlu possibbli li jinkiseb progress sinifikanti lejn il-ksib tal-oġettiv komuni li jiġi kkompletati u jkunu implimentati d-diversi strateġiji sal-2018. Madankollu, għad hemm lakuni li jeħtieġ aktar attenzjoni. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li jenħtieġ sforzi ulterjuri mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jinkiseb il-livell ta' ambizzjoni kif inhu rifless fil-konklużjonijiet ta' Ġunju 2016 għas-Suq Uniku, fosthom dwar is-servizzi, is-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija, inkluż l-interkonnnessjonijiet. F'dan il-kuntest huwa jilqa' r-reviżjoni ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni tas-Suq Uniku Diġitali u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Implimentazzjoni f'waqtha u infurzar aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti huma wkoll kruċjali għall-kisba tal-benefiċċji tas-Suq Uniku tal-Ewropa. Il-Kunsill ser jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 dwar il-progress fl-approfondiment, l-implimentazzjoni u l-infurzar tas-Suq Uniku fl-aspetti kollha tiegħu. Sabiex inħarsu lil hinn mill-finalizzazzjoni tal-istrateġiji differenti tas-Suq Uniku u nevolvu lejn Suq Uniku ġust u validu għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tkompli r-riflessjonijiet tagħha dwar mezzi innovattivi ta' kif għandhom ikunu indirizzati opportunitajiet ġodda, sfidi u l-ostakli li fadal.
14. Il-Kunsill Ewropew jevalwa l-progress li sar dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u jappella lil-leġislaturi biex jaqblu malajr dwar l-estensjoni u t-tisħiħ tal-Fond.

15. Filwaqt li jibbaża fuq l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017, li jappellaw għal strateġija futura għall-politika industrijali, il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol essenzjali tal-industrija bħala mutur ewlieni għat-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, huwa jappella għal azzjoni konkreta biex tiġi żgurata bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva tas-Suq Uniku.

Kummerċ

16. L-UE ser taħdem għal politika kummerċjali robusta li tiddefendi sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bi rwol ċentrali għad-WTO. Filwaqt li temmen bis-sħiħ li l-kummerċ jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi, huwa ser iżżomm is-swieq miftuħa u tiġġieled il-protezzjoniżmu. Ser tippromwovi b'mod attiv aġenda ambizzjuża għall-kummerċ ħieles fuq ix-xena globali. Għal dan l-għan, ser tfittex li trawwem kundizzjonijiet ekwi tassew, filwaqt li tibqa' viġilanti fir-rigward tar-rispett u l-promozzjoni ta' standards ewlenin, inkluż standards soċjali, ambjentali, tas-saħħa u tal-konsumatur, li huma fatturi essenzjali tal-istil ta' ħajja Ewropea.
17. Il-Kunsill Ewropew huwa konvint li l-kummerċ u l-investment jistgħu biss ikunu ħielsa jekk ikunu ukoll ġusti u ta' benefiċċju reċiproku. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-koleġislaturi biex jilħqu malajr qbil dwar strumenti għad-difiża tal-kummerċ moderni u kumpatibbli mad-WTO, li ser jinfurzaw l-abbiltà tal-UE biex tindirizza b'mod effettiv Prattiki kummerċjali inġusti u diskriminatorji u distorsjonijiet tas-suq. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-applikazzjoni rapida u effettiva tagħhom permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni mhux leġislattivi sabiex il-prattiki kummerċjali u l-istrumenti ta' difiża tal-UE jsiru aktar reattivi u effiċjenti u biex tippromovi, jekk ikun meħtieġ, miżuri komplimentari. Jappella wkoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex japprofondixxu u jmexxu 'l quddiem id-dibattitu dwar kif tista' titjieb reċiproċità fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-investment. F'dan il-kuntest, jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tieħu r-riedni tal-globalizzazzjoni f'idejha u, fost l-oħrajn, tanalizza l-investimenti minn pajjiżi terzi f'setturi strateġiċi, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'waħda mil-laqgħat li jmiss tiegħu.

18. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi l-progress fin-negozjati kollha li għaddejjin bħalissa, inkluż dawk mal-Messiku, l-Mercosur u r-reġjun tal-Asja u l-Paċifiku, għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi u bbilanċjati, bir-reċiproċità u l-benefiċċji reċiproċi bħala prinċipji ta' gwida. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub reċentement fin-negozjati mal-Ġappun li jista' jwitti t-triq għal ftehim politiku.

Semestru Ewropew

19. Il-Kunsill Ewropew b'mod ġenerali jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiż kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2017.

IV. MIGRAZZJONI

20. Il-Kunsill Ewropew jibqa' kommess lejn l-approċċ komprensiv tal-Unjoni rigward il-migrazzjoni, il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni biex irażżan u jimpedixxi l-flussi illegali, ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija fl-aspetti kollha tagħha u fil-konfront tal-Istati Membri kollha. Il-viġilanza fuq ir-rotot migratorji kollha, inkluż ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, ser tibqa'. Ser inkomplu nsaħħu u nagħmlu użu sħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u ta' aġenziji oħrajn. Il-kontroll effettiv fil-fruntieri esterni għandu jippermetti li jitneħħew il-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni.
21. Il-ħajjiet li qed jintilfu u l-flussi migratorji kontinwi ta' migranti primarjament ekonomiċi fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali huma sfida strutturali u jibqgħu kwistjonijiet ta' tħassib urġenti u serju. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikollhom jerġgħu jgħibu l-kontroll biex jevitaw kriżi umanitarja agħar. Għaldaqstant jeħtieġ li jaġixxu issa u b'mod deċiżiv billi jagħtu spinta lill-koordinazzjoni u r-riżultati fl-elementi kollha li jinsabu fid-Dikjarazzjoni ta' Malta, il-Qafas ta' Sħubija u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta, b'appoġġ ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti. Dan jimplika wkoll kooperazzjoni kontinwa u msaħħa mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, inkluż it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali għall-attivitajiet ta' Tfittxija u Salvataġġ li tibqa' prijorità għolja. It-taħriġ u l-għoti ta' tagħmir lill-Gwardja tal-Kosta Libjana huma komponent ewlieni tal-approċċ tal-UE u għandhom jitħaffu. L-IOM u l-UNHCR ser jibqgħu sħab importanti, inkluż sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn volontarju u jittejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu għandha tkun rinfurzata sabiex tkun ikkontrollata l-pressjoni migratorja fuq il-fruntieri tal-art tal-Libja u ta' pajjiżi oħra viċini. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi appoġġata l-forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel. Hemmhekk, bħal postijiet oħra, l-isfrattu ta' mudelli kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin u traffikanti ta' bnedmin jibqa' objettiv kruċjali, inkluż permezz ta' kontroll agħar tal-kummerċ tat-tagħmir użat minnhom.

22. Għandhom isiru wkoll aktar sforzi biex jinkiseb progress reali fil-politika ta' ritorn u ta' riammissjoni. Abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni Mġedded dwar ir-Ritorn, għandhom jiġu stabbiliti ftehimiet ta' riammissjoni li joperaw sew u arranġamenti prammatiċi ma' pajjiżi terzi mingħajr aktar dewmien, billi jintużaw il-lievi possibbli kollha, inkluż billi tiġi vvalutata mill-ġdid il-politika dwar il-viżi fil-konfront ta' pajjiżi terzi, kif meħtieġ. Arranġamenti bilaterali tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi jikkontribwixxu wkoll għal dan l-oġettiv.
23. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Bis-saħħa tal-progress li sar taħt il-Presidenza Maltija, hemm fehim komuni li jeħtieġ li s-SEKA riformata issib l-aħjar bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u li jeħtieġ li hi tiżgura r-reżiljenza għal kriżijiet futuri. Is-sistema trid tkun effiċjenti, tkun tista' tirreżisti l-pressjoni migratorja, telimina fatturi ta' attrazzjoni kif ukoll movimenti sekondarji, f'konformità mal-liġi internazzjonali, tiġġieled kontra l-abbuż u tipprovdi appoġġ adegwat lill-Istati Membri l-aktar milquta. Il-Kummissjoni hija mistiedna tesplora soluzzjonijiet possibbli biex jitnaqqas il-piż fuq l-Istat Membri l-aktar esposti. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jkunu evitati kriżijiet ġodda, il-kunċett ta' 'pajjiż terz bla periklu' għandu jkun allinjat mar-rekwiżiti effettivi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-liġi primarja tal-UE, filwaqt li jkunu rispettati l-kompetenzi tal-UE u dawk tal-Istati Membri skont it-Trattati. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella li tiġi avvanzata l-ħidma fuq lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bla periklu. Dan ser ikun parti minn ftehim globali futur dwar is-SEKA. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill ikompli n-negozjati abbażi ta' dan u jemenda l-proposti leġislattivi kif meħtieġ, bl-għajnuna attiva tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet.

V. EWROPA DIĠITALI

24. Jekk inħarsu 'l quddiem lejn il-programm ta' ħidma għat-tieni nofs tas-sena, u b'mod partikolari s-Summit Diġitali f'Tallinn fid-29 ta' Settembru 2017, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza sovrastanti ta' viżjoni diġitali ambizzjuża għall-Ewropa, is-soċjetà u l-ekonomija tagħha. Jenħtieġ approċċ olistiku għal dak li hu diġitali biex jiġu ffaċċjati l-isfidi tar-raba' rivoluzzjoni industrijali u jintużaw l-opportunitajiet li jirriżultaw minnha. Dan jirrikjedi l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali fl-elementi kollha tagħha. Fl-istess ħin, għandna nieħdu ħarsa usa' lejn is-swieq, l-infrastruttura, il-konnettività, l-aspetti soċjali u kulturali, inkluż il-qasma diġitali, normi u standards, kontenut u data, l-investment, is-sigurtà ċibernetika, il-gvern elettroniku (e-government) u r-riċerka & l-iżvilupp. Sabiex jintlaħqu l-isfidi taċ-ċibersigurtà attwali u futuri, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel rieżami tal-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà f'Settembru u biex tipproponi aktar azzjonijiet immirati qabel tmiem is-sena.
-